



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.9.2006
KUMM(2006) 539 finali

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tad-dinocap bħala
sustanza attiva**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Konklużjonijiet:

L-abbozz tal-proposta mehmuż għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-inklużjoni taħt kundizzjonijiet stretti tad-*dinocap* bħala sustanza attiva fil-lista pożittiva (Anness I) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Din temenda u tirrestrinġi l-Proposta inizjali li tressqet lill-Kunsill aktar kmieni.

Il-tħassib espress minn bosta Stati Membri fil-qafas tad-dibattiti li għaddejjin fil-Kunsill jirrifletti l-ġudizzju tagħhom li l-miżuri ta' taffija tar-riskji previsti mill-Kummissjoni li mhumieq, fil-prattika tagħhom, suffiċjenti biex inaqqsu jew itaffu r-riskju għal livell aċċettabbli f'dan il-każ partikolari. Sabiex jiġi rifless b'mod korrett il-livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u l-ambjent sostenibbli mixtieq fil-Komunità, il-Kummissjoni tqis li jixraq, flimkien mal-kundizzjonijiet u mat-taffija tar-riskju msemmi akter kmieni, li jitnaqqas iktar il-perjodu ta' inklużjoni għal tlieta minflok seba' snin. Dan jenfasizza l-bżonn għal valutazzjoni mill-ġdid ta' prijetà għal din is-sustanza.

Storja:

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE toħloq il-ħidma ta' qafas għall-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Is-sustanzi attivi li jridu jintużaw bħala prodotti protezzjoni tal-pjanti huma evalwati u awtorizzati fil-livell Komunitarju u huma elenkati fl-Anness I għad-Direttiva. Il-prodotti individwali għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi huma evalwati u awtorizzati mill-Istati Membri skond ir-regoli armonizzati.

Id-dejta ressqet mill-industrija ġew evalwati inizjalment minn Stat Membru *rapporteur*, f'dan il-każ l-Awstrija, u wara, fuq il-bażi ta' l-abbozz tar-rapport, mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan il-qafas ta' ħidma tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

Fil-dawl tal-profil ta' periklu tas-sustanza, il-kundizzjonijiet ta' inklużjoni jipprovdu restrizzjonijiet għal dawg l-uċuħ ta' l-art li effettivament kienu ġew kkunsidrati waqt il-valutazzjoni Komunitarja u li għalihom l-użu aċċettabbli kien mistenni sakemm ġew applikati miżuri ta' taffija tar-riskju preskrittivi ħafna.

L-abbozz ta' Direttiva kienu mressqa fit-3 ta' Marzu għall-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

9 Stati Membri (140 vot) ivvutaw favur,
14-il Stat Membru (162 vot) ivvutaw kontra
u 2 Stati Membri (19-il vot) astjenew

Il-Kumitat ma ta l-ebda opinjoni. Konsegwentement, skond l-Artikolu 19, tad-Direttiva 91/414/KEE u bi qbil ma' l-Artikolu 5 tas-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, il-Kummissjoni jeħtiġilha li tissottometti lill-Kunsill proposta relatata mal-miżuri li għandhom jittieħdu, u l-Kunsill ikollu tliet xhur sabiex jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata.

Il-Kummissjoni ressqet abbozz ta' Proposta lill-Kunsill għal Direttiva li segwiet l-istess strateġija, jiġifieri, l-inklużjoni tas-sustanza taħt kundizzjonijiet restrittivi ħafna. Fid-dawl tad-dibattiti reċenti fil-Kunsill, madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra xieraq li tirrevedi l-proposta inizjali tagħha billi tirrestrinġi iktar il-perjodu ta' inklużjoni għal tliet snin

L-abbozz tad-Direttiva mhuwiex suġġett għad-dritt ta' skrutinju tal-Parlament Ewropew (Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 199/468/KE).

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tad-*dinocap* bħala sustanza attiva

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti¹, u partikolarment l-Artikolu 6 (1) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistipola regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid minħabba li diġà użajt "protezzjoni tal-pjanti" qabel is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti² jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu assessjati, bil-viżjoni għall-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tinkludi d-*dinocap*.
- (2) Dwar id-*dinocap*, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ġew assessjati skond id-dispożizzjonijiet preskritti fir-Regolament (KEE) Nru 3600/92 għal firxa ta' użi proposti minn min jinnotifika. Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/94 tas-27 ta' April ta' l-1994 li jistipola s-sustanzi attivi għall-prodotti dwar protezzjoni ta' pjanti u għan-nominazzjoni ta' Stat Membru Rapporteur għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92³, l-Awstrija ġiet innominata bħala Stat Membru Rapporteur. L-Awstrija ressqet ir-rapport ta' assessjar u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Kummissjoni nhar it-18 ta' Mejju 2000 skond l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92.
- (3) Ir-rapport ta' assessjar ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Komitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

¹ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni ... (ĠU L ..., ..., p. ...)

² ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2266/2000 (ĠU L 259, 13.10.2000, p. 10).

³ ĠU L 107, 28.4.1994, p. 8. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/95 (ĠU L 225, 22.9.1995, p. 1).

- (4) Tressqu żewġ mistoqsijiet fir-rigward tad-*dinocap*, il-Prodotti ta' Protezzjoni tal-Pjanti lill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti u r-Residwi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari ("il-Kumitat Xjentifiku") tagħhom. L-ewwel mistoqsija kienet dwar il-rilevanza għall-bniedem ta' l-effetti għall-ġhajnejn li ġew osservati fil-klieb u t-tieni kienet dwar il-valur xieraq għall-assorbiment mill-ġilda, li jistgħu jiġu minn studji differenti li n-notifikatur ikun għamel disponibbli. Fuq l-ewwel mistoqsija il-Bord Xjentifiku kkunsidra li mhemmx biżżejjed informazzjoni biex jiġi konkluż li l-effetti ta' l-ġhajnejn fil-klieb ikun speċifiku biss għax dik l-ispeċi u li tista' tinħtieġ iktar riċerka dwar il-mekkaniżmi involuti. B'konsegwenza ta' dan, huwa konkluż li dawn l-effetti fil-klieb ma jistgħux jittieħdu bħala rilevanti għal bnedmin. Dwar it-tieni mistoqsija, il-Bord Xjentifiku kkunsidra l-valur ta' 10% ta' assorbiment tal-ġilda ikun xieraq għall-ġhan ta' din il-valutazzjoni. Fiż-żewġ każi, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Xjentifiku⁴ tqisu fit-tfassil ta' din id-Direttiva u r-rapport rilevanti ta' reviżjoni.
- (5) L-Artikoli 5(4) u 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipulaw li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi suġġetta għal restrizzjonijiet u kundizzjonijiet. F'dan il-każ, ir-restrizzjonijiet dwar il-perjodu ta' inklużjoni u l-uċuħ tar-raba' awtorizzati huma miżuri li jitqiesu li huma neċessarji. Il-miżuri oriġinali ppreżentati lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali, pproponew ir-restrizzjoni tal-perjodu ta' l-inklużjoni ta' seba' snin li tisser li l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lir-reviżjoni tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-*dinocap* u li diġà jinsabu fis-suq. Sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fil-livell għoli mixtieq ta' protezzjoni, l-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE kienet maħsuba biex tkun limita għall-użi tad-*dinocap* li tassew ġew assessjati fil-valutazzjoni Komunitarja u li l-użi proposti għalihom tqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-Direttiva 91/414. Dan jimplika li użi oħra, li f'din il-valutazzjoni ma ġewx koperti jew inkella ġew koperti parzjalment, qabel ma jitqiesu biex jiddaħħlu fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE kellhom l-ewwel ikunu suġġetti għal eżami komplet. Fl-aħħarnett, minħabba l-livell ta' periklu tad-*dinocap*, kien ikkunsidrat ta' ħtieġa li fuq il-livell Komunitarju jsir provvediment għal armonizzazzjoni minima ta' ċerti miżuri għat-taffija tar-riskju li l-Istati Membri kellhom japplikawhom meta jagħtu l-awtorizzazzjonijiet.
- (6) Skond il-proċeduri stabbiliti bid-Direttiva 91/414, l-approvazzjoni tas-sustanzi attivi, inkluż id-definizzjoni tal-miżuri tal-maniġment tar-riskji, tiġi deċiża mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-kontroll tal-miżuri li għandhom itaffu r-riskji ġġenerati. Il-ħsbijiet espressi minn bosta Stati Membri jirriflettu il-ġudizzju li r-restrizzjonijiet żejda huma meħtieġa biex jitnaqqas ir-riskju għal-livell li tista' tiġi aċċettabbli u konsistenti mal-livell għoli ta' protezzjoni li hija mixtieqa fi ħdan il-Komunità. Fil-preżenti, hija kwistjoni ta' maniġment tar-riskju biex jistabbilixxu livell adegwat ta' sikurezza u protezzjoni għall-produzzjoni kontinwa, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tad-*dinocap*.
- (7) Bħala konsegwenza ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha. Sabiex tirrifletti b'mod korrett il-livell għoli ta' protezzjoni tas-

⁴ Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa tal-Pjanti, il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti u r-Residwi tagħhom dwar talba mill-Kummissjoni marbuta mail-valutazzjoni tad-Dinocap fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2004-26, Opinjoni adottata fit-30 ta' Ġunju 2004).

saħħa ta' l-animali u ambjent sostenibbli mixtieq fi ħdan il-Komunità, flimkien mal-prinċipji stipolati fil-premessa 5, biex iktar jitnaqqas il-perjodu ta' inklużjoni - minn seba' snin għal tliet snin, li tenfasizza il-ħtieġa għal valutazzjoni mill-ġdid ta' din is-sustanza.

- (8) Jista' jkun mistenni li l-prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti li fihom id-*dinocap* jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżla fl-Artikolu 5(1) (a) u (b) tad-Direttiva 91/414 KEE, fir-rigward l-użi li ġew eżaminati u ddettaljati fir-rapport tar-reviżjoni tal-Kummissjoni u li jipprovdu l-applikazzjoni tal-miżuri tat-taffija għar-riskji meħtieġa.
- (9) Bla ħsara għall-konklużjoni li l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-*dinocap* jistgħu jkunu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, huwa f'loku li jinkiseb aktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Istati Membri għandhom jesigū mid-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet li dawn jagħtu l-informazzjoni dwar l-użu tad-*dinocap*, inkluż tagħrif dwar l-inċidenzi fuq saħħet l-operaturi.
- (10) Bħalma jgħodd għas-sustanzi kollha inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, l-istatus tad-*dinocap* jista' jiġi rivedut taħt l-Artikolu 5(5) ta' dik id-Direttiva, fid-dawl ta' kwalunkwe tagħrif ġdid li jsir disponibbli. Bl-istess mod, il-fatt li l-inklużjoni ta' din is-sustanza fl-Anness I tiskadi f'data partikolari, dan ma jimpedixx it-tiġdid ta' l-inklużjoni skond il-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva.
- (11) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi evalwati fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92 uriet li jistgħu jinqalgħu xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni tad-dmirijiet tad-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti dwar l-aċċess għad-*data*. Għalhekk, sabiex jiġu evitati iżjed diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li d-dmirijiet ta' l-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment id-dmir li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri aċċess għal dossier li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness II għal dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponix xi obbligi ġodda fuq l-Istati Membri jew id-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet meta mqabbla mad-direttivi li ġew adottati sa issa li jemendaw l-Anness I.
- (12) Perjodu ta' żmien raġonevoli għandu jitħalla jgħaddi qabel is-sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jitħallew jagħmlu t-tħejjijiet sabiex jilħqu r-rekwiżiti ġodda li jirriżultaw mill-inklużjoni.
- (13) Mingħajr ħsara għall-obbligi stipulati mid-Direttiva 91/414/KEE b'konsegwenza ta' l-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti eżistenti li fihom id-*dinocap* sabiex jaċċertaw li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, u b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u fil-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, jibdlu jew jirtiraw, kif ikun jixraq, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza ta' hawn fuq, għandu jingħataw perjodu itwal għall-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tad-dossier sħiħ ta' l-Anness III għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu maħsub skond il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE. Fid-dawl tal-proprjetajiet perikolużi tad-*dinocap*, il-perjodu li fih l-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk il-

prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-*dinocap*, waħdu jew inkella ma' sustanzi attivi awtorizzati oħra, jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VI ma għandux jaqbeż it-tliet snin.

- (14) Huwa għalhekk xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata kif meħtieġ.
- (15) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sat-30 ta' Ġunju 2007 l-aktar tard il-liġijiet, regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta dawn jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha issir referenza bħal din.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri, fejn meħtieġ, u fi qbil mad-Direttiva 91/414/KEE, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-*dinocap* bħala sustanza attiva sal-30 ta' Ġunju 2007. Sa dik id-data, dawn għandhom, b'mod partikolari, jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I għal dik id-Direttiva dwar id-*dinocap* jiġu ssodisfati, minbarra dawk identifikati fil-Parti B tar-reġistrazzjoni dwar dik is-sustanza attiva, u li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jkollu, jew ikollu aċċess għal, dossier li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness II għal dik id-Direttiva skond il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 13.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat tal-protezzjoni tal-pjanti li fih id-*dinocap*, l-Istati Membri għandhom jevalwaw il-prodott mill-ġdid skond il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dokumentazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness III ta' dik id-Direttiva u li tikkunsidra l-parti B tar-reġistrazzjoni dwar id-*dinocap* fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Fuq bażi ta' dik il-valutazzjoni, huma jridu jiddeterminaw jekk il-prodott jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara dik id-determinazzjoni, għall-prodotti li fihom id-*dinocap*, fejn ikun meħtieġ l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Ir-reġistrazzjonijiet li ġejjin għandhom jinżiedu fl-aħħar tat-tabella fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KE.

"Nru	Isem Komuni, Numri ta' identifikazzjoni,	Isem IUPAC	Purezza ⁵	Dħul fis-seħħ	Skadenza ta' żmien għall-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
XX	<i>Dinocap</i> Nru CAS39300-45-3 (Għat-taħlita ta' l-isomer) Nru CIPAC98	2,6-dinitro-4-octylphenyl crotonates and 2,4-dinitro-6-octylphenyl crotonates fejn l- 'octyl' hija taħlita ta l-methylheptyl, 1-ethylhexyl u l-gruppi 1-propylpentyl	920 g/kg	L-1 ta' Jannar 2007.	il-31 ta' Diċembru 2009.	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala fungicida fuq l-uċuħ tar-raba' li ġejjin: — Għeneb ta' l-inbid 0.21kg ta' sustanza attiva kull ettaru għal kull applikazzjoni. L-użi li ġejjin m'għandhomx ikunu awtorizzati : — applikazzjoni mill-arja; — applikazzjonijiet minn fuq id-dahar jew minsusa minn operatur mhux professjonali — il-ġardinaġġ, L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati l-miżuri kollha għat-taffija tar-riskju. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta': — l-organiżmi akkwatiċi. Fejn ikun rilevanti, jeħtieġ li tinżamm distanza adegwata bejn l-uċuħ trattati u l-ilmijiet tal-wieċ. Din id-distanza tista' tkun tiddependi mill-applikazzjoni jew le ta' metodi jew tagħmir li jnaqqsu t-tifrix aċċidentali;

⁵ Aktar dettalji dwar l-identità u l-speċifikazzjoni tas-sustanza attiva huma pprovduti fir-rapport tar-reviżjoni.

“Nru	Isem Komuni, Numri ta' identifikazzjoni,	Isem IUPAC	Purezza ⁵	Dħul fis-seħħ	Skadenza ta' żmien għall-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— l-għasafar u l-mammiferi Il-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, bħalma huma l-użu f'waqt tal-prodott u l-għażla ta' daww il-formulazzjonijiet li, minħabba l-preżentazzjoni fiżika tagħhom jew il-preżenza ta' aġenti li jiżguraw evitar adegwat, jimminimizzaw l-esponiment ta' l-ispeċi kkonċernata. — l-operaturi, li jeħtiġilhom jilbsu lbies protettiv adegwat, partikolarment ingwanti, <i>coveralls</i>, buz tal-lastku u l-protezzjoni tal-wiċċ jew in-nuċċalijiet tas-sikurezza waqt it-taħlit, it-tagħbija, l-applikazzjoni u t-tindif tat-tagħmir, sakemm l-esponiment għas-sustanza attiva ma jkunx adegwatament imbarra mid-disinn u l-konstruzzjoni tat-tagħmir innifsu, jew inkella bl-immuntar ta' komponenti protettivi speċifiċi fuq it-tagħmir. — il-ħaddiema, li jeħtiġilhom jilbsu lbies protettiv adegwat, partikolarment l-ingwanti, jekk ikollhom jidħlu ferja ttrattata qabel ma jkun skada l-perjodu speċifiku għad-dħul mill-ġdid. Dan il-perjodu ta' dħul mill-ġdid ma jistax ikun ta' inqas minn 24 siegħa. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni dwar id-<i>dinocap</i>, b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu.

“Nru	Isem Komuni, Numri ta' identifikazzjoni,	Isem IUPAC	Purezza ⁵	Dħul fis-seħħ	Skadenza ta' żmien għall-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li d-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet jirrappurtaw sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena dwar l-okkorrenzi ta' problemi tas-saħħa fost l-operaturi. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li jingħata tagħrif, bħal data dwar il-bejgħ u s-servej tax-xejriet ta' l-użu, ħalli tkun tista' tinkiseb stampa realistika tal-kundizzjonijiet ta' l-użu u l-impatt tossikoloġiku possibbli tad- <i>dinocap</i> .

”